20 ta' Diċembru 2016
116/2016

## L-ARĊISQOF FI ŻMIEN IL-MILIED U L-BIDU TAS-SENA L-ĠDIDA

Il-funzjonijiet reliġjużi li ser imexxi l-Arċisqof Charles J. Scicluna fl-okkażjoni tal-Milied jibdew fil-Lejl tal-Milied.

Is-Sibt 24 ta' Diċembru 2016, fil-11:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi t-talba tal-Liturġija tas-Sigħat fil-Quddiesa ta' Nofsillejl fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, fil-Katidral tal-Imdina. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd 25 ta' Diċembru, fid-9:15 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Stazzjonali fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesu' Kristu, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta u fuq TVM.

Is-Sibt 31 ta' Diċembru, fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fi tmiem is-sena, bil-kant tat-Te Deum, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd l-1 ta' Jannar 2017, fid-9.00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa ta' Jum il-Paċi, fid-Dar tal-Providenza, is-Siġġiewi. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd 8 ta' Jannar, fid-9:15 a.m., Mons. Arċisqof jiċċelebra Quddiesa tal-Epifanija fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tiġi mxandra 'live' fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.